BIRŻEBBUĠA

"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165  Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

**Minuti tal-laqgħa numru 08/12 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar il-Erbgħa, 13 ta' Ġunju 2012 fil-5.30pm**

| *Prezenti* | *Membri* |
|---|---|
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Is-Sur Kevin Barun**<br>**Is-Sur Carmelo Cachia**<br>**Is-Sur Charles Muscat**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Stanley Zammit** |
| **Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skuzati** | - |

## ***AĠENDA -1***

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 07/12 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija.  Minħabba li ma kien hemm l-ebda amenda J.Baldacchino ppropona u K.Barun issekonda mozzjoni biex il-Minuti jkunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u s-Segretarju Eżk. bħala dokument  korrett.  Kulħadd qabel.

## ***AĠENDA -2***

*01/06 -* Tressqet fuq il-mejda tal-Kamra approvazzjoni min-naħa ta' Transport Malta sabiex a spejjeż tal-Awtorita' issir bankina fi Triq Salvatore Cachia Zammit skont il-pjanta provduta. Wara li l-Kamra evalwat il-pjanta tal-bankina ma sabet l-ebda oġġezzjoni sabiex Transport Malta tagħmel din il-bankina dment li l-bankina ssir tul it-triq kollha minn ma' Triq Għar Dalam sal-Batterija Ferretti.  Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kamra li Triq l-Għansar li tmiss mat-triq in kwistjoni hi ppjanata li ssir f'din is-sena, għaldaqstant għandna niġbdu l-attenzjoni ta' Transport Malta sabiex ix-xogħol tal-bankina jkun jikkumplimenta x-xogħol fi Triq l-Għansar.  Kulħadd qabel.

*02/06 -* Il-Federazzjoni Għaqdiet Birżebbuġa qed titlob lill-Kamra sabiex tingħata spazju fin-*noticeboard* sabiex kull xahar jitwaħħal kalendarju tal-attivitajiet tal-għaqdiet kollha.  Il-Kamra ma sabet l-ebda oġġezzjoni sabiex dan isir u għaldaqstant unanimament aċċettat din it-talba.

*03/06 -* Il-Kappillan jixtieq jorganizza Lejla Folkloristika fl-okkażżjoni ta' 'Jum il-Missier' quddiem il-Kappella ta' Bengħisa nhar is-Sibt, 16 ta' Ġunju 2012.  Wara diskussjoni l-Kamra qablet ma' din l-inizjattiva u ma sabitx oġġezzjoni għal din l-attivita'.

*04/06* - Tressqet talba mis-Soċjeta' Filarmonika San Pietru sabiex għall-attivita' 'Nostalġija' li ser issir nhar is-Sibt, 23 u l-Ħadd, 24 ta' Ġunju fi Ġnien l-Indipendenza jingħalqu t-toroq tal-madwar skont il-pjanta provduta sabiex isiru wirjiet ta' karozzi u muturi. S.Zammit issuġġerixxa li jkun aħjar għal kulħadd jekk parti minn Misraħ ir-Repubblika jibqa' aċċessibbli għal parkeġġ. Wara diskussjoni l-Kamra laqgħet din it-talba li jingħalqu t-toroq skont il-pjanta bil-kundizzjoni li l-għaqda tieħu ħsieb tavża lir-residenti sabiex ma jinħoloq l-ebda inkonvenjent.

*05/06* - Din il-korrispondenza ma ġietx diskussa minħabba li l-applikant avża lill-Kunsill Lokali li m'għadux interessat li jagħmel l-attivita'.

*06/06* - Is-Sur Austin Walker, Chairman tal-MEPA, qiegħed jistieden lill-Kunsill Lokali għal-laqgħa sabiex jiġu diskussi l-isfidi u l-problemi tal-lokalita' fejn jidħol ambjent u ippjanar. Il-Kamra laqgħet din l-istedina u għanda tiġi miftehma data bejn is-Segretarji taż-żewġ naħat.

***<u>AĠENDA -3</u>***

Ġew ippreżentati fuq il-mejda tal-Kamra l-ittra ta' direzzjoni ta' l-awditur għas-sena finanzjarja 2011 u r-risposta tal-Kunsill Lokali għal din l-ittra. Wara diskussjoni l-Kamra unanimament approvat r-risposta tal-Kunsill Lokali sabiex tintbagħat lill-entitajiet ikkonċernati.

***<u>AĠENDA -4</u>***

Il-Kamra għaddiet sabiex tiddiskuti l-*Bye-law* ta' l-2011 dwar Żoni Esklużivi għal *Barbecues*, f'Birżebbuġa. K.Barun issuġġerixxa sabiex inressqu għad-diskussjoni l-possibbilta' li :

- issir estensjoni taż-żoni fejn jistgħu jsiru BBQ's b'konsultazzjoni mar-residenti u mal-għaqdiet.
- sabiex isir BBQ fil-lokal f'dawn iż-żoni jrid isir permess bi ħlas mill-Kunsill Lokali.
- nikkunsidraw tisjir bil-gass u mhux bic-*charcoal.*

Wara diversi opinjonijiet il-Kamra ħadet id-deċiżjoni li din l-aġenda tiġi diskussa f'laqgħa apposta, għaldaqstant il-Kamra ipposponiet din l-aġenda.

***<u>AĠENDA -5</u>***

S.Zammit li hu l-Kunsillier responsabbli mill-maniġġjar tat-traffiku ressaq dokumenti fuq il-mejda tal-Kamra fuq *traffic calming* sabiex jiġu meqjusa possibbiltajiet varji għat-toroq tal-lokal. J.Baldacchino ssuġġerixxa biex jinħatar sotto-kumitat minn fost il-Kunsillieri sabiex isiru *brain storming sessions* u jressqu fuq il-mejda tal-Kamra għad-diskussjoni l-proposti tagħhom dwar x'għandu jsir sabiex it-toroq tagħna jsiru aktar siguri għal kulħadd. Kulħadd qabel. Għaldaqstant is-sotto-kumitat ser ikun magħmul minn S.Zammit, C.Cachia u C.Muscat.

***<u>AĠENDA -6</u>***

Il-Kamra għaddiet sabiex tiddiskuti l-Festa Titulari ta' San Pietru fil-Ktajjen 2012. Wara diskussjoni l-Kamra unanimament qablet fuq il-punti segwenti :

a) <u>Permessi għall-imwejjed</u>

    - Kull ħanut għandu jkollu *area* definita sa fejn jista' joħroġ l-imwejjed.

- Il-ħwienet li joħorġu l-imwejjed f'toroq li jgħaddu l-marċi minnhom bħal Triq Profs. Anton Tabone għandhom ikollhom kundizzjoni li meta jkun ser jgħaddi l-marċ ma jridx ikun hemm imwejjed.

- Il-permessi kollha jridu jsiru sat-13 ta' Lulju 2012 sabiex il-Kunsill jgħaddihom lis-Supretendent Vella Gregory fuq struzzjonijiet tiegħu.

- Kull permess għandu jkollu fuqu l-ħin li jintramaw u jiżżarmaw l-imwejjed ikkoordinat mal-pulizija.

- Ma jinħarġux permessi għall-imwejjed il-Ħadd filgħodu.

b) Kjosks

- Ser jintramaw fil-Bajja s-Sabiħa u Triq Santa Katarina.

- Ma jistgħux jinbiegħu affarijiet ta' piroteknika / *Chinese fireworks* u *stink bombs*.

- Il-kjosks m'għandhomx joħorġu aktar 'il barra mit-tarf tal-*parking base* inkluż l-istaffa u t-tinda.

- Bejgħ isir min-naħa tat-triq biss u mhux min-naħa tal-*hedge* wkoll.

- Ma jistgħux jintużaw *generators*.

- Iridu jipprovdu *bins* u jnaddfu madwarhom kull meta jarmaw.

- Tingħata l-opportunita' lil dawk li jarmaw diġa' sabiex jarmaw fi Triq Żarenu Dalli fejn ser ikunu allokati żewġ posti.

c) Oħrajn

- Nikkoordinaw it-tindif mal-kuntratturi għall-ġimgħa tal-festa.

- Nipprovdu *bins* f'Misraħ il-Knisja.

- Nagħmlu avviż fil-kotba tal-festa taż-żewġ baned u tal-parroċċa bil-ħinijiet tat-tindif u tagħrif dwar il-festa.

- Tfigħ ta' karti ser ikun miftuħ biss għall-każini bil-kundizzjoni li t-triq tiġi mnaddfa kollha eżatt wara li tispicca l-attivita'.

- Il-Kunsill ser jipprova jorganizza servizz ta' *Park & Ride* mill-parkeġġ ta' Triq Għar Dalam u mill-parkeġġ tal-Freeport.

***AĠENDA -7***

Tressqu l-pagamenti għax-xahar ta' Ġunju 2012. Peress li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni jew amendi ġiet approvata biex is-somma ta' €38335.98 titħallas skont Skeda Nru. 06/12.

***AĠENDA -8***

1) Is-Segretarju Eżk. infurmat lill-Kamra li :-

- ser jibda jingħad ir-rużarju f'postijiet pubbliċi minn grupp żgħir ta' nies.

- t-tim nazzjonali tal-*handball* ser jagħmel żewġ *training sessions* fil-Bajja s-Sabiħa fl-20 u 22 ta' Ġunju bejn is-6.30pm u 7.30pm. Ukoll 30 minuta qabel jibda t-*training*, il-*coach* nazzjonali ser jagħti l-opportunita' lin-nies li jkun hemm fuq il-Bajja sabiex jipprattikaw dan l-*isport*.

- ser isir BBQ f'Misraħ il-Knisja mill-Għaqda Mużikali San Pietru Fil-Ktajjen nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Lulju 2012 quddiem il-Każin.

- il-Ħamis, 14 ta' Ġunju 2012 ser jagħlqu l-offerti pubbliċi u l-kwotazzjonijiet li hemm sejħa pubblika għalihom.

- minn nhar it-Tnejn, 18 ta' Ġunju 2012 l-ħinijiet tal-uffiċċju għall-pubbliku ser ikunu mis-7.30am sas-1.00pm.

2) Il-Viċi-Sindku, is-Sur K.Barun :

- talab sabiex il-*budget* jibda jitqassam skont id-delegi tal-Kunsillieri. Is-Sindku informa l-Kamra li l-*budget* isir skont il-bżonn u jista' jiġi mibdul skont il-esiġenzi minn żmien għal żmien. S.Zammit issuġġerixxa li f'nofs is-sena l-*budget* għandu jiġi rivedut sabiex ikun jirrifletti aħjar l-ispiża attwali tal-Kunsill.

- talab *budget* ta' €3000 lill-Kamra sabiex ikun jista' japplika għal fondi ta' EU taħt il-programm *European Refugee Fund.* Il-Kamra laqgħet din it-talba.

- talab sabiex inġibu kwotazzjonijiet għal *cameras* jew *surveillance service* sabiex naraw l-ispiża nvoluta kieku kellna nagħmluhom f'ċertu *areas* tal-lokal.

- talab sabiex isiru *business cards* għall-Kunsillieri. Kulħadd qabel.

- issuġġerixxa sabiex tinkiteb ittra l-MEPA sabiex l-art tal-Gvern li tmiss ma' Triq Belle-Isle, Triq Tal-Papa u Triq il-Port Ħieles titqies sabiex issir *car park*. Is-Sindku nforma l-Kamra li waqt id-diskussjonijiet sabiex isir il-*Girgħien Development Brief* il-Kunsill Lokali kien ressaq dan is-suġġeriment. Fil-fatt fil-*final version* din l-*area* tista' titqies għal dan il-għan.

3) Il-Kunsillier, is-Sur C.Cachia :

- ġibed l-attenzjoni tal-Kamra li l-ġonna mhux qed jissaqqew sew. C.Muscat informa l-Kamra li diġa' kellem lill-persuna nkarigata mit-tisqija.

- hemm bżonn li ssir il-manutenzjoni meħtieġa fil-latrini. Ukoll hemm bżonn li ssir laqgħa mal-kuntratturi tat-tindif tal-latrini u tal-knis sabiex niċċaraw xi punti tal-kuntratt li m'humiex jiġu segwiti kif suppost.

4) Il-Kunsillier, is-Sur S.Zammit :

- issuġġerixxa li ssir sistema tal-elettriku fil-Bajja s-Sabiħa b'*meter* ċentralizzat sabiex l-entitajiet kummerċjali u l-għaqdiet ikunu jistgħu jagħmlu *submeters* u jiġu ċċarġjati l-konsum kif ukoll *administration fee*. Kulħadd qabel.

- li s-surmast talab lill-Kunsill Lokali sabiex jirranġa rampa ġewwa l-iskola minħabba li dik li hemm kienet wieqfa u tiżloq. L-ispiża għal din ir-rampa titla' għal €1050. Wara diskussjoni il-Kamra ma laqgħetx din it-talba minħabba li r-rampa tinsab ġewwa l-iskola u għaldaqstant ma jistgħux jintefqu flus mill-Kunsill għal dan il-għan.

- ressaq stima ta' €2665.02 sabiex isiru l-marki u t-tabelli tat-traffiku approvati minn Transport Malta f'Dawret il-Qalb Imqaddsa. Il-Kamra approvat din l-ispiża.

- ressaq *sketch* sabiex possibbilment inċaqalqu l-*parking spaces* tal-ARRIVA minn ġo Misraħ is-Summit għal Triq San Patrizju u l-venda preżenti tiġi żviluppata mat-tkomplija tal-proġett tal-PPP. Fuq dan rappreżentanti tal-Kunsill Lokali ser jiltaqgħu ma' rappreżentanti ta' Transport Malta sabiex jiġi diskuss dan il-punt kif ukoll talba sabiex terġa' tinbena mill-ġdid Triq San Patrizju.

- ta *update* lill-Kamra fir-rigward ta' diversi xogħlijiet ta' Transport Malta f'Birżebbuġa.

- informa l-Kamra fir-rigward ta' *Expression of Interest* għall-fondi ta' l-EU taħt il-programm tal-ERDF. Il-proġett proponut hu li Ġnien il-Kunsill Lokali jiġi kompletament $CO^2$ free permezz ta' pannelli fotovoltajċi u mmaniġġar aħjar tal-ilma. Il-proġett għandu stima ta' madwar €92000.

- ser jitwaħħlu sett tabelli taz-*zebra crossing* jixgħelu b'LED bħala *sample* fi Triq Birżebbuġa.

- ġibed l-attenzjoni tal-Kamra fir-rigward tal-aċċess għall-karozzi li qed jinżlu mir-rampa ta' quddiem l-MLP Club għal fuq il-*promenade.* Hemm bżonn isir xi ħaġa ħalli jinqata' dan l-abbuż.

5) Il-Kunsilliera, Ms. B.Pace :

- informat lill-Kamra li fit-30 ta' Ġunju 2012 ser issir *family writing activity* u fil-15 ta' Ġunju 2012 l-attivita' għal 'Jum il-Missier'.

- ġibdet l-attenzjoni tal-Kamra li qiegħed ikun hemm *parking* fejn mhux suppost f'Wesgħa Carmelo Caruana.

- ser tibda ddur sabiex iġġib *sponsors* għall-attivitajiet ta' l-ewwel *weekend* ta' Settembru, inkluż għar-reklamar meħtieġ.

6) Il-Kunsillier, is-Sur C.Muscat :

- talab lill-Kamra sabiex jiġi kkunsidrat li jsir taraġ għal fuq il-*promenade* quddiem il-każin tal-MLP.

- li jiġi kkunsidrat sabiex nagħmlu *outdoor gym.*

- talab sabiex jiġi rranġat it-taraġ li hemm faċċata tal-Enemalta fi Triq il-Qajjenza. Is-Sindku nforma l-Kamra li x-xogħol diġa' ġie ordnat.

7) Is-Sindku, is-Sur J.Farrugia :

- ser issir laqgħa l-MEPA fir-rigward tal-permess pendenti tal-grawnd tal-Bajja s-Sabiħa nhar il-Ħamis, 14 ta' Ġunju 2012 fid-9.00am.

- il-Ġimgħa, 15 ta' Ġunju 2012 ser jiltaqa' l-*Monitoring Committee* tal-Port Ħieles.

***<u>Għeluq</u>***

Is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa fid-9.15pm. Seduta oħra ser issir nhar il-Erbgħa, 11 ta' Lulju 2012 fil-5.30pm.

.

| | |
|---|---|
| **..........................................** | **...............................................** |
| **Joseph Farrugia** | **Maria Galea** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżk.** |